MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 239/2006

Kawza fil-lista: 17

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rar ir-rikors guramentat prezentat mill-attrici A B li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet kkuntrattaw iz-zwieg bejnithom fis-27 ta' Lulju 1982 gewwa l-Knisja ta' Hal-Ghaxaq skond kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt it-tfal li jisimhom Mandy (maggorenni) u Sara Marie (ta' sbatax il-sena).

3. Illi z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa u tkisser irrimedjabbilment u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti skond il-ligi, fosthom adulterju da parti tal-konvenut, ingurji serji, sevizzi u eccessi kollha indirizzati mill-istess konvenut, kif ukoll inkompatiilita serja ta' karattri, kif jista jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi .b’din l-istanza permezz ta' Digriet Numru moghti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar l-24 ta’ Mejju 2006;

5. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-attrici.

B. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI

1. Illi z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa u tkisser irrimedjabilment, minhabba ragunijiet rikonoxxuti skond il-ligi, fosthom adulterju da parti tal-konvenut, ingurji serji, sevizzi u eccessi kollha indirizzati rnill-istess konvenut, kif ukoll inkompatiilita serja ta' karattri, kif jista jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk qed tintalab is-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

C. TALBIET ATTRICI

Ghaldaqstant l-attur, in vista ta'dak kollu fuq premess, jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgoba:-

1. Tawtorizza s-separazzjoni personali a mensa et thoro, bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi, u rikonoxxuti mill-Ligi;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri Sara Marie konguntivament lill-partijiet bi dritt ta' access ghall-konvenut kif jigi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;

3. Tiffissa retta alimentari xierqa lill-attrici u lill-binthom il-minuri pagabbli direttament minghand l-imghallem tal-konvenut li huwa impjegat jew b'sistema li tkun konvenjenti lill-attrici u lill-minuri;

4. Tiddikjara u tiddecidi illi l-konvenut ddekada minn sehemu fil-komunjoni ta' l-akkwisti jew f'dik il-parti mill-istess komunjoni, li dina l-Onorabbli Qorti tistabilixxi ai termini tal-Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili, u tapplika kwindi 1-effetti ta' l-Artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili kontra l-istess konvenut, u favur 1-attrici;

5. Tiddikjara, bil-hatra, jekk jkun hemm il-bzonn, ta' periti nominandi, ix-xoljiment u konsegwenti likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'dan illi tiddikjara illi 1-konvenut tilef dak kollu illi kiseb b'donazzjoni jew titolu iehor gratwit minghand l-attur,kif ukoll kull jedd ghan-nofs tal-komunjoni ta' l-akkwisti wara dik id-data li tigi stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-konvenut rrenda ruhu hati tal-firda, skond il-ligi, bil-konsegweni assenjazzjoni ta'dawn il-beni kollha favur l-attrici, u tassenja kwindi l-inteA tal-komunjoni ta' l-akkwisti favur l-istess attrici;

6. Tassenja lil kull parti l-beni parafernali taghha;

7. Tinnomina Nutar Pubbliku sabeix jippubblika kull att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata u l-kontro-talba tal-konvenut C B li taqra bil-mod segwenti:-

1. Illi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser b'mod irrimedjabbli u hemm lok ghal separazzjoni personali bejniethom, dan pero' gara biss minhabba tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici u ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Di fatti l-eccipjenti qieghed jipprevalixxi ruhu mid-dritt lilu moghti tal-Kontro-Talba sabiex jirribadixxi dan kollu. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

2. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti ossia, eccezzjonijiet ulterjuri.

Kontro-Talba

Illi l-kontendenti zzewgu fis-27 ta' Lulju 1982.

Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom zewgt ulied li jisimhom Mandy B u Sara Marie B, llum it-tnejn maggiorenni.

Illi l-attrici rikonvenzjonata rrendiet il-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, inter alia permezz ta' sevizzi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti taghha fil-konfront tal-istess konvenut rikonvenzjonant, u kif ukoll iz-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess attrici rikonvenzjonata;

Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-istanti permezz tad-Digriet appositu tal-Onorabbli Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti qieghed, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbIi lill-attrici rikonvenzjonata kif fuq spjegat u tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant jghix separatament minn ma' l-attrici.

2. Tiddijkara li l-attrici rikonvenzjonata iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut zewgha rikonvenzjonant.

3. Tapplika kontra l-attrici rikonvenzjonata l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret lill-konvenut,

4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-attrici rikonvenzjonata hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjon lill-konvenut rikonvenzjonant u porzjon lill-attrici ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li

fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

5. Tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata sabiex tirrestitwixxi lill-konvenut rikonvenzjonant il-beni kollha dotali u/jew parafernali tieghu li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-attrici taghmel dan, tikkundannaha thallas lill-konvenut rikonvenzjonant dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.

6. Tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant sabiex jghix u jabita fid-dar matrimonjali bl-isem ta' "Daffodils", Dawret Hal Ghaxaq, Ghaxaq u dana ad eskluzjoni tal-attrici rikonvenzjonata mill-istess dar, filwaqt li tordna lill-attrici rikonvenzjonata sabiex tirrilaxxja l-istess dar vakanti favur il-konvenut rikonvenzjonanti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili u tal-Medjazzjoni kontra l-attrici, li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ezaminat il-provi mressqa.

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet prezentati mill-partijiet.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

L-**attrici A B** xehdet inizjalment bil-mezz ta' dikjarazzjoni guramentata[1] illi matul iz-zwieg tal-partijiet zewgha kellu relazzjonijiet adulteri ma' diversi nisa, l-ahhar wahda ma' certu Carmen Farrugia. Tghid illi f'okkazzjoni minnhom ghal habta tas-6.45 p.m. waqt li kienet id-dar cemplitilha wahda minn uliedha, Sara Marie, u qaltilha sabiex tmur dak il-hin hdejn l-Iskola tal-Gvern ta' Bormla peress li kienet rat il-karrozza ta' missierha vicin id-dar tal-imsemmija Carmen Farrugia. L-attrici ghalhekk telqet mid-dar dak il-hin stess flimkien ma' bintha ohra, Catherine Axiaq. Pero' meta waslu ma sabux il-karrozza tal-konvenut hemmhekk u ghalhekk baqghu jistennew fil-karrozza sa tard bil-lejl. Tghid li ghal habta tal-11.10 p.m. tfaccat il-karrozza tal-konvenut minnu misjuqa u fl-istess karrozza kien hemm takkumpanjah Carmen Farrugia. Kif rat hekk nizlet mill-karrozza, fethet il-bieba tal-passiggiera tal-vettura tal-konvenut u qaltilhom il-kliem: "fl-ahhar qbadkhom". Qalet ukoll lil zewgha sabiex imur id-dar u jiehu hwejgu. L-incident spicca hemm u meta mar id-dar qalilha li jitlaq mid-dar meta jidhirlu li jkun il-waqt.

Tirrakkonta episodju iehor li sehh ftit gimghat wara meta l-konvenut cemplilha meta hi kienet mat-tifla taghhom Sara Marie gewwa St James Clinic f'Haz-Zabbar ghal vizita medika. Meta staqsiha jekk kienx hemm ghalfejn imur hdejhom l-attrici irrispondiet li kienu lesti u li kienu hergin 'il barra. Wara li hargu minn St James Clinic qalet lil bintha sabiex jghaddu bil-karrozza minn hdejn id-dar ta' Carmen Farrugia u proprju kif ghaddew minn hemm hija lemhet lill-konvenut hiereg mid-dar taghha. Kif ratu l-attrici bdiet iddoqq il-horn u l-konvenut dahal lura fid-dar ta' Carmen Farrugia. It-tifla bdiet iccempillu fuq il-mobile izda ma rrispondiex. Ftit hin wara tfaccat karrozza tal-pulizija fejn qalulha li kienu ircevew rapport li hemm l-istorbju fit-triq. Tghid li wara li telqu l-pulizija il-konvenut hareg mid-dar ta' Carmen Farrugia.

Kompliet tixehed viva voce[2] illi hija thejt salotti u purtieri sabiex tkun tista' tghin lill-familja. Tghid li ghandhom tlett vetturi, Mazda 323 li juza l-konvenut, Fiat Punto li tuza hi u ghandhom ukoll vann. Tghid illi f'sitta u ghoxrien sena zwieg qatt ma kienet taf zewgha x'kellu flus il-bank ghaliex il-kotba tal-bank dejjem fuq ismu u ma kienx jaghtiha informazzjoni.

Tghid li d-dar fejn joqghodu f'Hal Ghaxaq kienu xtrawha iz-zewg partijiet flimkien u fil-bidu kienu hargu tlett elef lira Maltin (Lm3,000) kull wiehed. Tghid li sabiex setghu ikomplu l-post li xtraw isselfu minghand oht l-attrici, Nazzarena Agius, is-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000).

[1] Fol. 26
[2] Fol. 49

L-attrici resqet affidavit[3] fejn tirrakkonta diversi episodji fil-passat u tallega agir adulteru da parti tal-konvenut ma' diversi nisa pero' tghid li kienet tahfirlu. Tghid li filwaqt li kienet taf li kellu relazzjonijet intimi ma' nisa ohra hija xorta kienet tkun intima mieghu. Issemmi diversi nisa li skond l-attrici l-konvenut kellu relazzjonijiet amoruzi maghhom. Fl-istess affidavit tirrakkonta b'aktar dettal iz-zewg episodji fuq imsemmija fejn l-attrici qabdet lill-konvenut ma' Carmen Farrugia. Tirrakkonta illi wara l-ahhar episodju hi flimkien maz-zewgt itfal marret ghand omm il-konvenut sabiex tghidilha x'kien qed jaghmlilha l-konvenut. Tghid li ftit wara wasal il-konvenut irrabjat u ammetta quddiemhom illi kien minnu li kellu relazzjoni ma' Carmen Farrugia u li dan kien ghamlu sabiex isib impieg lil wahda mit-tfal tal-partijiet.

Dwar id-dejn li kienu ghamlu ma' Nazzarena Agius, oht l-attrici, fis-somma ta' Lm2,000 sabiex spiccaw il-post, l-attrici tghid illi spiccat hallset lura l-ammont kollu misluf. Tghid li l-konvenut ma kkontribwixxa xejn ghalkemm bejn is-snin 1990 u 2000 il-konvenut kellu xoghol part-time jahdem il-cane.

L-attrici xehdet in kontro-ezami[4] illi l-partijiet ghadhom jghixu taht l-istess saqaf. Qalet illi meta kienet taghmel xoghol ta' hjata, bil-flus li ddahhal kienet thallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, kontijiet tat-telephone, privatijiet tat-tfal u uniformijiet.

In ri-ezami xehdet fost l-ohrajn rigward il-kondizzjoni medika taghha b'mod partikolari f'daharha. Tirreferi ghal 'bone density test' li jinsab a fol. 315 tal-process. Tghid li l-professur kien qalilha li l-ghadam taghha kien qed jitmermer.

Fl-udjenza tal-21 ta' Frar 2013 l-attrici ikkonfermat illi zewgha kien itiha €800 fix-xahar li minnhom kienet thallas l-affarijiet ghall-hajja u l-ispejjez tad-dar. Meta l-konvenut waqaf itiha manteniment kienu jghinuwha t-tfal.

Xehdet **Catherine Axiaq**, oht l-attrici, bil-mezz ta' affidavit.[5] Tirrakkonta episodju li sehh snin ilu fejn certu Charlie Abela kien qal lilha u lill-genituri taghha illi l-konvenut kien f'relazzjoni ma' martu Gemma Abela. Tghid li fis-27 ta' Dicembru 2006 kienet cemplitilha l-attrici u marret maghha hdejn id-dar ta' certu Carmen Farrugia f'Bormla. Xehdet li ghal habta tal-

[3] Fol. 56
[4] Fol. 272
[5] Fol. 63

11.00 p.m. rat lil konvenut gej bil-karrozza tieghu flimkien ma' Carmen Farrugia. Inqala argument bejniethom.

Xehed **Alexander Mizzi** mill-Korp tal-Pulizija[6] dwar is-salarju tal-konvenut.

Xehdet **Demaris Mifsud**, rapprezentanta ta' Vodafone Malta Limited[7]. Hija tat informazzjoni dwar registration details tan-numru 9989 4274 registrat fuq isem Carmen Farrugia (ID 507966) u li toqghod 14, Triq Alessandra, Bormla, kif ukoll kull kuntatt li sar bejn in-numru 9989 4274 u n-numru 7930 8129 registrat fuq isem C B il-konvenut. Xehdet illi mid-dokumenti li ezebiet jidhru numru kbir ta' SMS's u telefonati li saru bejn dawn iz-zewg numru. Juru wkoll l-sms's u telefonati li saru minn fuq in-numru ta' Carmen Farrugia lin-numru ta' C B meta it-telefon ta' l-ewwel kien barra minn Malta. In-numru kbir ta' telefonati u sms's bejn dawn iz-zewg numri huwa indikat minn dokument ta' sitta u sebghin (76) pagna li fuq kull pagna hemm circa wiehed u tletin (31) telefonata jew sms[8] b'kollox circa elfejn, tlett mija u sitta u hamsin (2,356) telefonata u sms's f'temp ta' hames xhur.

Xehed **PS 1328 Jesmond Borg** stazzjonat l-Ghassa ta' Bormla. Spjega illi fis-16 ta' Jannar 2008 kienet marret taghmel rapport fl-Ghassa ta' Bormla certu Carmela Farrugia fejn qalet li fil-jum ta' qabel kien mar ghandha habib taghha, C B il-konvenut, ghal habta tas-sebgha u nofs ta' filghaxija. Ftit hin wara semghat tisbita mal-bieb ta' barra u l-konvenut induna li kienu martu u bintu wara l-bieb taghha. Carmela Farrugia irrapportat ukoll li dak il-hin il-konvenut ma harigx u l-attrici u bintha komplew jghajtu barra. Bdew jghajru wkoll lil Carmela Farrugia.

Spjega illi dakinha tal-incident kienet dahlet telefonata l-Ghassa u flimkien ma' zewg pulizija ohra mar fuq il-post u sab lill-attrici wara l-bieb ta' Carmen Farrugia u lil bintha fil-karrozza. X'hin waslu fuq il-post ma kienx hemm storbju. L-attrici qaltilhom li kien hemm zewgha l-konvenut fid-dar ta' Carmen Farrugia u li ma kenitx ser titlaq qabel ma l-konvenut johrog minn hemm. Ix-xhud ma kienx rah lill-konvenut u ghalhekk ma setghax jghid jekk kienx gewwa jew le. Xehed illi dak iz-zmien il-konvenut kien ufficjal tal-Pulizija fl-istess Ghassa ta' Bormla fejn ix-xhud kien stazzjonat.

---

[6] Fol. 67
[7] Fol. 127
[8] Fol. 130 - 168

Xehdet **Carmen Farrugia**[9] illi kellha relazzjoni mal-konvenut u li din ir-relazzjoni bdiet fis-sena 2006. Spjegat illi l-konvenut kien imur fid-dar taghha b'mod regolari. "Kien jigi b'mod regolari. Huwa kien jigi d-dar kwazi kuljum. Huwa gieli raqad ghandi bil-lejl. Konna anke morna tigijiet flimkien u mal-familja tieghi wkoll. Kien [il-] 'boyfried' tieghi peress illi huwa separat." Tghid li damu f'relazzjoni ghal madwar sentejn. Dwar il-konvenut tkompli tghid hekk:

"Jiena ma stajtx ikolli relazzjoni ma' ragel iehor ghax kien jerfa jdejh fuqi s-Sur B. Jiena dejjem relazzjoni mieghu biss kelli. Din il-hbiberija kienet regolari hafna…Jiena konf naf li huwa mizzewweg pero' kien jghidli li huwa separat. Jiena kont ukoll nahsillu hwejgu. Kien jigi jiekol ukoll id-dar mal-familja tieghi u konna koppja."

Kompliet tixhed hekk:-

"Konna mmorru anke nieklu barra, kullimkien. Meta lili qalli li qieghed bis-separazzjoni d-dar kien jghidli li kien imur jorqod biss, semplicement biex il-mara ma tkeccihx. F'Jannar tat-2008 naf li kien hemm incident. Kienet giet il-mara u dak il-hin is-Sur B kien qieghed ghandi. Dak il-hin kien ghandi kont qed nippreparalu xi ikel. Hu meta kien jigi kellu *tracksuit* id-dar u kien ibiddilha. Kien jikkuntatjani kuljum ukoll minn barra minn Malta. Kien jaghtini xi hwejjeg bhala rigali, anke curkett, soft toys u affarijiet hekk. Jiena kont nirreciproka b'xi hwejjeg ukoll. Fil-fatt is-Sur B cernpel l-Ghassa ta' Bormla. Kien cempel quddiemi lis-Surgent li dahal, Jesmond, habib tieghu. Qallu jien qieghed ghand Carmen, qallu jimporta titlaq il-mara minn quddiem il-bieb taghha. Meta jiena nghid li konna norqdu flimkien konna anke naghmlu l-att sesswali flimkien, kien hemm intimita' shiha".

Xehdet **Gemma Abela**[10] dwar relazzjoni li kellha mal-konvenut hafna snin ilu. Tiddeskrivi r-relazzjoni li kellha mal-konvenut bhala 'dating'.

Xehed **Dun Lawrence Bonnici** illi jaf lill-konvenut peress li kien stazzjonat fl-Ghases tal-Kottonera. Jaf ukoll lill-attrici. Peress li Dun Bonnici huwa r-rettur ta' kappella f'zona pastorali gewwa l-Birgu allura jiltaqa' diversi drabi mal-konvenut. Jaf li l-konvenut ghaddej minn separazzjoni. Fir-rigward tax-xhud Carmen Farrugia qal li din kienet holqot inkwiet peress li kienet ittantat sacerdot iehor. Il-konvenut qatt ma talbu sabiex ikellem lill-attrici.

[9] Fol. 177
[10] Fol. 194

Lil Carmen Farrugia wkoll qatt ma kellimha. Fr Bonnici spjega illi l-konvenut qatt ma qallu li kellu xi relazzjoni ma' Carmen Farrugia. Iddikjara illi kull meta kelmu l-konvenut ma kienx qed ikellmu taht is-sigriet tal-qrar.

Xehdet **WPC Janet Chicala**[11], kollega tax-xoghol tal-konvenut. Qalet illi gieli kienet tahsillu l-hwejjeg u tithallas ghaliex il-konvenut kien jghidilha li martu ma kenitx qed tahsillu l-hwejjeg. Kien jirrakkontala dwar il-problemi matrimonjali tieghu. Tghid illi wahda mill-affarijiet l-aktar li kienet tkiddu kienet li t-tfal ma jkellmuhx. Xehdet ukoll illi maghha l-konveut dejjem fahhar lill-attrici.

Dwar ix-xhud Carmen Farrugia tghid li din il-mara ghamlet diversi allegazzjonijiet anke fil-konfront taghhom il-pulizija. Tghid li kull meta tara lil din il-mara trodd is-salib "ghax tant thares bl-ikrah li nibza minnha, qas tkellimni biss".

Cahdet li l-konvenut qatt qallha li kellu relazzjoi ma' Carmen Farrugia li damet is-snin u li kien anke ghamel zmien jirrisjedi ghandha.

Xehed **Fr Joe Grech**[12]arcipriet ta' Bormla. Lill-konvenut kien jafu bhala ufficjal tal-pulizija stazzjonat fl-ghases tal-Kottonera. Dwar Carmen Farrugia qal li jafha bhala persuna li kienet residenti f'dik il-parrocca. Jirrakkonta episodju fejn kienet marret tkellmu fl-ufficju pastorali fuq materja ta' natura pastorali li ma kellha x'taqsam xejn mal-partijiet f'din il-kawza. F'hin minnhom ix-xhud kien qal lil Carmen Farrugia sabiex titlaq mill-ufficju izda hi irrifjutat u bdiet tipprovokah. Ghalhekk sejjah lill-pulizija u kien mar il-konvenut. Anke fil-presenza tal-pulizija kienet irrifjutat li tohrog.

Il-**konvenut C B** xehed bil-mezz ta' affidavit[13]. Huwa jichad l-allegazzjonijiet kollha li ghamlet l-attrici fil-konfront tieghu dwar relazzjonijiet adulteri. Jaghti spjegazzjoni b'hafna dettal dwar kif sar jaf ghall-ewwel darba lil Carmen Farrugia fl-incident li kien sehh fl-ufficju parrokkjali ta' l-arcipriet ta' Bormla. Jirrakkonta kif xhur wara kellimha sabiex issib xoghol lil bintu. Jghid li meta Carmen Farrugia irrangat sabiex bint il-partijiet tibda tahdem fil-fabbrika fejn kienet tahdem hi kienet tghaddi kull filghodu ghaliha. Jghid illi Carmen Farrugia bdiet iccempillu spiss u ma ghamel xejn dwar dan ghaliex ried izomm il-kalma sabiex Carmen

[11] Fol. 205
[12] Fol. 218
[13] Fol. 243

Farrugia ma taghmilx hsara lil bintu fuq il-post tax-xoghol. Fl-affidavit tieghu jirreferi ghax-xhieda ta’ Carmen Farrugia fejn qalet li kienet attendiet ghal tieg flimkien mieghu u jichad li ghamel hekk. Anzi jghid li raha hemmhekk ma’ ragel iehor. Jichad ukoll li kellu xi relazzjoni ma’ Carmen Farrugia: “Ghalhekk jien nghid li ma’ din Carmen qatt ma’ kelli relazzjoni”. Jikkonkludi illi dejjem ghamel li seta’ sabiex izomm lill-familja tieghu kuntenta u hekk baqa’ jaghmel ghaliex lill-familtu jhobbha.

In kontro-ezami[14], mistoqsi jekk kienx kellem lil Gemma Abela qabel telghat tixhed f’dawn il-proceduri qal li ma jiftakarx. Mistoqsi kif jispjega li martu u bintu rawh hiereg mid-dar ta’ Carmen Farrugia fit-tmienja ta’ filghaxija jghid li dan kien in konnessjoni mal-impieg ta’ bintu fil-fabbrika fejn kienet tahdem Carmen Farrugia. Stqarr ukoll li kien minnu li martu ratu fil-hdax ta’ bil-lejl ma’ Carmen Farrugia meta bil-karrozza tieghu wassalha d-dar, izda qal li dan sehh peress li kienet waqfitilha l-karrozza taghha il-Birgu Waterfront. Mistoqsi imbaghad jekk jiftakarx li fil-veA’ il-karrozza ta’ Carmen Farrugia mhux veru li kienet il-Birgu Waterfront dakinhar izda quddiem id-dar taghha wiegeb “Ma nafx”.[15] Mistosqi jekk kienx hu li cempel l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Bormla minghand Carmen Farrugia meta martu u bintu kienu wara l-bieb tad-dar ta’ Carmen Farrugia irrisponda “Ma niftakarx”.[16]

Cahad pero’ li qatt kellu relazzjoni ma’ din Carmen Farrugia. Dwar dak kollu li xehdet Carmen Farrugia fil-konfront tieghu qal li ma kienx minnu.

Fl-udjenza tal-21 ta’ Frar 2013[17] il-konvenut xehed illi kemm kienet ilha ghaddejja l-kawza hu kien ihalli lill-attrici s-somma ta’ €830.00 ghall-hajja.

Xehed **Dr Joseph Tonna**[18] imressaq mill-konvenut. Huwa spjega li huwa *general practitioner*. Dwar il-*bone density report* prezentat mill-attrici a fol. 316 tal-process huwa jaghti l-opinjoni segwenti:-

“Osteoporosi tfisser din illi l-ghadam ma jibqax b'sahhtu, jirtab l-ghadam, ma tfissirx, hija differenti minn osteo-arthritis li xi hadd ma jistax jiccaqlaq. Osteoporosi ma taghti l-ebda ugiegh. Bniedem jista' jahdem normalment. Li ghandha osteoporosi l-effetti li ghandha u

[14] Fol. 254
[15] Fol. 266
[16] Fol. 266
[17] Fol. 333
[18] Fol. 356

ghalfejn qed intuha hafna mportanza ahna t-tobba hija illi zzid ir-risk ghalhekk hawn ir-*risk assessment*, ir-riskju ta' fratturi. Bniedem li ma jbatix b'osteoporosi xorta jista' jkollu *fractures*, notabilment tar-*wrists*, tal-*hip joint* u ta' l-i*spine*. Qed nghid issa ghal bniedem li ma jbatix minn osteoporosi. Min pero' ikollu l-osteoporosi ikollu iktar cans minn haddiehor. Illum il-gurnata hawn il-kura taghha, hawn hafna tipi ta' medicini taghha. Wahda mill-kuri hija li tibqa' tghix a *healthy lifestyle, lifestyle* illi tibqa' *on the go*. Bniedem illi jintefa' go sodda u ma jiccaqlaqx ha jkollu l-osteoporosi".

Ikkonferma li tali kondizzjoni hija kurabbli. Ikkonferma in kontro-ezami li lill-attrici ma jafiex. Huwa ma dahalx dwar jekk l-attrici tistax tahdem jew le. Mid-dokumenti u certifikati li urih il-konvenut huwa kkonkluda wkoll li l-attrici tbati minn 'coelic disease' li qal li tigi kkurata b'dieta minghajr htiega ta' pilloli. Huwa spjega illi ghal min ibati bl-osteo porosis ezercizzju fiziku huwa ta' beneficcju. Skond Dr Tonna min ibati minn din il-kondizzjoni m'ghandux impediment sabiex jaghmel attivita' ta' hjata.

**Konsiderazzjonijiet**.

**Htija ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

Fl-ewwel lok jigi osservat illi ghalkemm il-konvenut fil-kontro talba tieghu jallega li kienet l-attrici li irrendiet il-hajja matrimonjali taghhom impossibbli minhabba "sevizzi, mohqrija, theddid u offizi gravi" u li "z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess attrici rikonvenzjonata", tul il-kors kollu tal-kawza il-konvenut naqas milli jressaq l-icken prova li remotament issostni dawn l-allegazzjonijiet tieghu. Di fatti ix-xhieda tal-konvenut u ta' dawk ix-xhieda li huwa ressaq kienu kollha prattikament tentativ sabiex jirribatti l-allegazzjoni tal-attrici fil-konfront tieghu.

Ghalhekk hija l-konkluzzjoni ta' din il-Qorti illi l-konvenut rikonvenzjonanti naqas milli jissostanzja t-talbiet rikonvenzjonali fir-rigward tar-responsabbilta' ghat-tkissir taz-zwieg.

Dwar il-premessi fir-rikors guramentat prezentat mill-attrici il-Qorti sejra l-ewwel titratta l-allegazzjoni tal-attrici li l-konvenut kellu relazzjonijiet adulteri fil-kors taz-zwieg taghhom.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqas l-provi kollha migjuba, sintezi ta' liema hija riprodotta *supra*, u hija tal-fehma illi l-attrici irnexxielha tipprova sodisfacentement illi l-konvenut kellu relazzjoni adultera ma' Carmen Farrugia.

Ghalkemm il-konvenut cahad bil-gurament tieghu li huwa qatt kien intimu ma' din Carmen Farrugia, il-provi juru mod iehor. Hija l-fehma tal-Qorti illi z-zewg episodji li sehhew f'Dicembru 2007 u f'Jannar 2008 li fihom l-attrici qabdet lill-konvenut fil-kumpanija ta' Carmen Farrugia huma prova tar-relazzjoni fuq medda ta' zmien bejn Farrugia u l-konvenut.

Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut ma qalx il-veA' meta cahad li ma kellu l-ebda relazzjoni ma' Carmen Farrugia. L-ispjega li l-konvenut ta ghal eluf ta' telefonati u sms's li kienu jghaddu bejnu u bejn Carmen Farrugia ghandha mis-surreali. Il-konvenut, ufficjal fil-korp tal-pulizija, jghid li ma ha l-ebda azzjoni dwar dawn it-telefonati sabiex izomm il-kalma ghax qal li inkella kien hemm cans li Carmen Farrugia tinstiga t-tkeccija ta' bintu mill-fabbrika fejn kienet ghenitha tibda tahdem. Kemm ic-cahda tal-konvenut fir-rigward m'ghandiex mill-veA' tohrog mix-xhieda tal-istess Carmen Farrugia illi xehdet li kienet f'relazzjoni mal-konvenut li bdiet fis-sena 2006. Spjegat illi l-konvenut kien imur fid-dar taghha b'mod regolari. "Kien jigi b'mod regolari. Huwa kien jigi d-dar kwazi kuljum. Huwa gieli raqad ghandi bil-lejl. Konna anke morna tigijiet flimkien u mal-familja tieghi wkoll. Kien [il-] 'boyfried' tieghi peress illi huwa separat." Tghid li damu f'relazzjoni ghal madwar sentejn. Dwar il-konvenut tkompli tghid hekk:

"Jiena ma stajtx ikolli relazzjoni ma' ragel iehor ghax kien jerfa jdejh fuqi s-Sur B. Jiena dejjem relazzjoni meighu biss kelli. Din il-hbiberija kienet regolari hafna.…Jiena kont naf li huwa mizzewweg pero' kien jghidli li huwa separat. Jiena kont ukoll nahsillu hwejgu. Kien jigi jiekol ukoll id-dar mal-familja tieghi u konna koppja." Xehdet illi r-relazzjoni ta' bejniethom mifruxa fuq sentejn kienet ta' natura intima. Fil-fehma tal-Qorti l-eluf ta' telefonati u sms's li f'dawk is-snin kienu ghaddew bejn il-konvenut u din Carmen Farrugia abbinati mal-provi dwar il-hinijiet li fihom il-konvenut kien jinstab fil-kumpanija taghha ma jhallu l-ebda dubju f'mohh il-gudikant illi effettivament il-konvenut kellu relazzjoni adultera ma' Carmen Farrugia.

Il-Kodici Civili espressament jistipula li l-adulterju huwa raguni ghaliex tista' tintalab is-separazzjoni personali. (**Artikolu 38 tal-Kap. 16)**. Il-gurisprdenza tqisu bhala wiehed mill-aktar offizi gravi bejn koppja mizzewga:

Gie ritenut fir-rigward illi l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' disposizzjoni legislativa li tillimita din il-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika" (**A Spiteri vs Av. Dr. Albert V. Grech et noe** - Prim' Awla - XXXVII.II.693; **Rosina B vs Angelo B** – Prim' Awla – 27 ta' Gunju 1964).

Ghalkemm raguni wahda minn dawk fuq imsemmija hija sufficjenti biex tnissel fil-konvenut ir-responsabbilta' ghat-tkissir taz-zwieg, multiplikazzjoni ta' ragunijiet jirrendu r-responsabbilta' ghat-tkissir taz-zwieg aktar gravi.

Gie ritenut illi "hu bizzejjed li tikkonkorri wahda biss minnhom ghax din jekk pruvata hi bizzejjed biex tiggustifika t-talba ghas-separazzjoni" (**Vol. XLVI P II p 638**); "purche' sia tale da violare profondamente I riguardi della convivenza coniugale"(**Vol.. XXVI P II p 110**); "Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni (ta' separazzjoni) l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti ta' importanza minuri." (**Caterina Agius vs Benedict Agius** – Prim' Awla – 13 ta' Gunju 1967)

**Ghaldaqstant il-Qorti qed issib lill-konvenut unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet minhabba l-adulterju minnu kommess.**

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

Min-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet jidher li hemm qbil li d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh. Dwar ir-rikavat l-attrici qed issostni li minhabba l-adulterju tal-konvenut "… r-rikavat m'ghandux jinqasam f'parti ugwali bejn il-partijiet, izda illi hija ghandha tigi assenjata sehem ikbar mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali"[19]. Fil-fehma tal-Qorti tali sottomissjoni m'ghandiex fondament legali. In sostenn ghal tali reklam, l-attrici la ghamlet referenza ghal xi provvediment legali fir-rigward u lanqas ghal gurisprudenza. In mankanza ta' provvediment legali jew gurisprudenza li tikkonforta l-pretensjoni attrici fir-rigward il-Qorti qed tiddikjara tali pretensjoni bhala priva minn fondament legali.

[19] Fol. 372

Ghalhekk il-Qorti qed tordna li d-dar matrimonjali tinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

**Manteniment**.

Konsegwenza li l-konvenut qed jinstab hati ta' adulterju, huwa iddekada mid-dritt li jircevi manteniment minghand l-attrici.

L-attrici qed titlob manteniment minghand il-konvenut ghaliex issostni li minhabba l-kondizzjoni medika taghha ma hux possibbli ghaliha li tahdem. Mill-atti jirrizulta li l-attrici ghandha l-kondizzjoni imsejha osteoporosis, li kagun taghha l-ghadam tal-bniedem jiddghajjef gradwalment. Il-provi tal-attrici dwar il-kapacita' lavorativa taghha o meno huma pero' skarsi. Apparti r-rizultanzi tat-test imsemmi, ma resqet l-ebda prova ohra, la xhieda medika *ex parte* u lanqas talbet in-nomina ta' espert gudizzjarju mediku

Mill-banda l-ohra l-konvenut ressaq bhala espert mediku ex parte lil Dr Joseph Tonna, *general practitioner* specjalizzat fil-medicina tal-familja, li ta l-opinjoni li l-kondizzjoni medika tal-attrici kif tirrizulta mid-dokumenti ezebiti fl-atti ma tirrendihiex inkapaci li tahdem. Mistoqsi dwar xoghol ta' hjata kien kategoriku. Xehed illi min ghandu tali kondizzjoni xorta huwa kapaci li jaghmel xoghol ta' hjata.

L-attrici ser taghlaq kwazi sittin sena u ilha maqtugha mid-dinja lavorativa ghal hafna snin hlief li kienet snin ilu taghmel xoghol ta' hjata. Il-Qorti hi tal-fehma li gialadarba l-attrici qeghda fuq l-ghatba tal-eta' tal-irtir m'ghandiex tikkonsidra li kapaci terga tohrog fid-dinja tax-xoghol.

Skond il-provi imressqa jirrizulta illi l-attur jaqla netti bejn salarju, sahra u allowances circa erbgha u ghoxrien elf ewro (€24,000) fis-sena wara li titnaqqas it-taxxa tad-dhul u l-kontribuzzjoni tas-sigurta' socjali (ara dokument a fol. 297).

Il-Qorti ghalhekk wara li kkonsidrat id-dhul li ghandu l-konvenut u l-htigijiet tal-attrici, qed tiddeciedi illi l-konvenut ghandu jhallas manteniment lill-attrici fis-somma ta' sitt mitt ewro (€600) fix-xahar.

Dwar it-talba tal-attrici sabiex il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas arretrati ta' manteniment dovut skond digriet dwar manteniment pendente lite, jirrizulta li tali talba hi gustifikata.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta u tiddeciedi r-rikors guramentat u l-kontro-talba billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenut u tichad it-talbiet rikonvenzjonali sakemm mhux kompatibbli ma' dawk hawn taht deciz;-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba peress li l-mertu llum jinsab ezawrit.

3. Tilqa' parzjalment it-tielet talba u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' sitt mitt ewro (€600) fix-xahar bhala manteniment ghaliha u tichadha fil-kumplament. Jekk u meta d-dhul tal-konvenut ikun biss il-pensjoni tas-servizz u tal-irtir, huwa ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment nofs il-pensjoni tas-servizz u tal-irtir. Il-manteniment hawn ordnat ghandu jizdied kull sentejn skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Tikkundanna wkoll lill-konvenut ihallas is-somma globali ta' erbat elef u disa' mitt ewro (€4,900) rapprezentanti arretrati ta' manteniment pendente lite ghall-perijodu bejn is-27 ta' April 2012 u l-20 ta' Marzu 2013 bl-imghax legali ta' tmienja fil-mija b'effett mill-20 ta' Marzu 2013 sad-data tal-effettiv pagament.

4. Tilqa' parzjalment ir-raba talba attrici billi tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tilqa' l-hames talba attrici, ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti u tordna d-divizzjoni tal-istess billi tordna l-bejgh tad-dar matrimonjali u cioe' tal-fond "Daffodils", Dawret Hal-Ghaxaq, Ghaxaq bil-pertinenzi kollha taghha kif ukoll l-effetti mobbli kollha li jinstabu fiha.

Mir-rikavat l-ewwel ghandu jigi saldat kwalunkwe dejn li jaggrava l-immobbli imsemmi kif ukoll arretrati ta' kontijiet ta' dawl u ilma fuq l-istess fond; il-bilanc jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Dwar kontijiet u depoziti bankarji tordna li l-flus depozitati f'kontijiet intestati f'isem l-attrici ghandhom jigu assenjati lilha u l-flus depozitati f'kontijiet intestati f'isem il-konvenut ghandhom jigu assenjati lilu. Kontijiet u investimenti f'isem iz-zewg partijiet flimkien ghandhom jinqasmu ugwalment bejniethom.

6. Tichad is-sitt talba attrici peress li ma rrizultawx beni parafernali.

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba talba attrici peress li mhux mehtiega.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------